# MARIANO GERADA L-ISKULTUR LI GĦAMEL L-ISTATWA TA' SANTA MARIJA

Minn Nazzareno Agius



Mariano Gerada twieled Ħal Tarxien fis-7 ta' Mejju 1766 u ġie mgħammed fl-istess jum ta' twelidu mill-vigarju Kurat dun Salvatore Cachia. Fil-fonti tawh l-ismijiet ta' Marius, Michael Angelus. Il-parrinijiet tiegħu kienu Andrea Montibello u Cesarina Bianchi. Il-ġenituri ta' Mariano kienu Antonio u Teresa neé Mifsud li kienu żżewġu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien fil-5 ta' Lulju 1760.

Mariano kellu tliet ħutu subien, Ġużeppi, li kien akbar minnu, u Ġovanni u Salvatore iżgħar minnu. Ġovanni kien saċerdot u wettaq il-ħidma pastorali tiegħu fi spanja fejn miet fl-1827.

Meta Mariano kellu 13-il sena tilef lill-ommu. Missieru reġa' żżewweġ lil Victoria Balzan fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien fit-22 ta' Lulju 1785. Mariano Gerada ma' kienx bniedem ta' skola kbira, iżda kien jinqeda u jikteb u jaqra bl-islien Taljan.

Mariano Gerada telaq minn Malta meta kellu 17-il sena u baqa' jsiefer sakemm kellu 27 sena. Skond id-dokumenti tal-Kanonku Fortunato Panzavecchia, kif ukoll l-istoriku popolari Pietru Pawl Castagna nsibu li Mariano tgħallem is-sengha tal-iskultura fi Spanja.

Mill-1803 il-quddiem Mariano Gerada ghex u ħadem ta' skultur ġewwa Bormla. Mariano Gerada kien ġuvni. Bħala skultur Mariano għamel użu minn żewġ medja differenti – il-ġebla Maltija u l-injam – imma baqa' l-aktar imsemmi għall-vari tal-injam li għamel.

Il-Kanonku Panzavecchia kiteb li Mariano Gerada kien alliev fl-iskola tal-iskultura ta' Valencia fi spanja u li l-imghallem tiegħu kien ċertu Tasesteval. Il-Kanonku jkompli jgħid li wieħed mill-aqwa xogħlijiet li għamel Mariano.Gerada hija l-vara tal-injam ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq. Din il-vara kien ordnaha ċertu Ġovanni Maria Farrugia minn Ħal-Għaxaq fis-sena 1808 u li mbagħad dan Farrugia kien kkonsenja din il-vara b'donazzjoni lill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Ghaxaq fl-1812.

Mariano Gerada għex fi żmien ta' taqlib politiku kbir għall-gżejjer

*Ikompli għal paġna 33*

*Ikompli minn paġna 31*

Malti. Id-dokumenti juruna b'mod ċar li sat-30 ta' Ġunju 1822 Mariano kien ghadu f'siktu u mehdi fix-xogħol tiegħu ta' skultur, imma f'daqqa waħd u b'ħeffa ta' berqa hu intrikeb minn marda qerrieda. Huwa miet fl-24 ta' Jannar 1823 u ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla.

Mariano Gerada ħalla warajh bosta xogħol mibdi iżda mhux mitmum. Il-karattru u l-ġrajja umana tiegħu l-iskultur Ġerada baqa' personaġġ daqsxejn misterjuż, iżda minn l-oħra l-fama popolari tiegħu fil-qasam tal-iskultura ma naqset qatt fi gżiritna. Hu kien ammirat ħafna f'ħajtu u għadu jkun imfaħħar sa fi żmienna. Ħadd ma jista' jiċħad li Mariano Gerada għandu post importanti fl-istorja tal-iskultura ta' gżiritna. Huwa ta kontrbut mhux ċkejken ghat-tkattir u t-tixrid tal-iskultura fl-injam ġewwa Malta.

Huwa kien imgħallem ewlieni jew aħjar *capo scuola* fil-qasam tal-Iskultura. Huwa kien rawwem madwaru tliet allievi li mbagħad saru l-protagonisti veri tax-xena skultorja ta' pajjiżna, dawn kienu Xandru Farrugia, Pietru Pawl Azzopardi u Salvatore Psaila.

L-aktar wiehed fidil lejn Gerada kien Pietru Pawl Azzopardi li meta miet Gerada, Azzopardi lesta xi xogħlijiet ta' skultura mibdija minn Gerada.

Skond l-istoriċi Panzavecchia u Castagna Mariano Gerada ħadem ħafna statwi fl-injam, fosthom: Santa Marija (*Għaxaq*), Santa Katarina (*Żurrieq*), il-Kunċizzjoni li tinsab fis-sagristija tal-Isla, il-Madonna tal-Grazzja tal-knisja u l-Madonna ta' Barra fil-ġebel (*Żabbar*) San Mikiel u l-Magħmudija ta' Ġesù (*Bormla*), San Ġużepp (*Żurrieq*) fl-injam mibdi minnu u komplieh Pietru Pawl Azzopardi, u Santu Rokku fil-ġebel (*Qrendi*) u lestieħ Pietru Pawl Azzopardi.



## OBITWARJU

**George Camenzuli, Ex-membru tal-Kumitat u responsabbli mill-Kamra tan-Nar, li miet fis-26 ta' Diċembru, 1993.**

***Agħtih O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem.***